I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 613/2009

### tas-6 ta' Lulju 2009

### dwar l-iffissar tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Lulju 2008 għar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali, aġenti temporanji u aġenti b'kuntratt tal-Komunitajiet Ewropej li jaħdmu f'pajjiżi terzi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet, stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 tal-Anness X tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Jeħtieġ li jiġi kkunsidrat l-iżvilupp tal-għoli tal-ħajja fil-pajjiżi barra l-Komunità u li jiġu stipulati għaldaqstant il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli, b'effett mill-1 ta' Lulju 2008 għall-pagi mħallsa, fil-munita tal-pajjiż ta' xogħol tagħhom, lill-uffiċjali, aġenti temporanji u aġenti b'kuntratt tal-Komunitajiet Ewropej li jaħdmu fil-pajjiżi terzi.

(2) Il-koeffiċjenti korrettivi li kienu suġġetti għal ħlas fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 624/2008 ([2]) jistgħu jwasslu għall-aġġustamenti pożittivi jew negattivi għall-pagi b'effett retroattiv.

(3) Għandu jsir provvediment għall-ħlas ta' arretrati fil-każ ta' żidiet fir-rimunerazzjoni minħabba l-koeffiċjenti korrettivi l-ġodda

(4) Jeħtieġ li jiġi previst ħlas lura ta' pagamenti żejda fil-kaz ta' tnaqqis tal-pagi minħabba l-koeffiċjenti korrettivi l-ġodda, għall-perjodu kkalkulat bejn l-1 ta' Lulju 2008 u d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(5) Jeħtieġ li jiġi previst li rkupru eventwali jkun jista' jsir biss fuq perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u li l-effetti tiegħu jkunu jistgħu jitqassmu fuq perjodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar minn din id-data, b'analoġija ma' dak li hu previst għall-koeffiċjenti korrettivi applikabbli fi ħdan il-Komunità għall-pagi u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-ewwel Artikolu*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2008, il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għall-ħlas tal-uffiċjali, aġenti temporanji u aġenti b'kuntratt tal-Komunitajiet Ewropej li jservu fil-pajjiżi terzi mħallsa fil-munita tal-pajjiż tax-xogħol għandhom ikunu kif jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Ir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu ta' dawn ir-rimunerazzjonijiet huma stabbiliti f'konformità mal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tar-Regolament Finanzjarju u jikkorrispondu mad-data indikata fl-ewwel paragrafu.

*Artikolu 2*

1. L-istituzzjonijiet għandhom iħallsu arretrati fil-każ ta' żieda tal-pagi minħabba l-koeffiċjenti korrettivi stipulati fl-Anness.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu aġġustamenti retroattivi negattivi fuq ir-rimunerazzjoni fl-eventwalità ta' tnaqqis bħala riżultat tal-koeffiċjenti korrettivi muri fl-Anness, għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2008 u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-aġġustamenti retroattivi li jinvolvu ħlas lura ta' pagamenti żejda għandhom ikunu limitati għal perjodu ta' sitt xhur qabel id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-ħlas lura jitqassam fuq perjodu ta' mhux aktar minn tnax il-xahar mill-istess data.

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.
([2]) ĠU L 172, 2.7.2008, p. 1.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. BILDT

*ANNESS*

| | PAJJIŻ ASSENJAT | Koeffiċjenti korrettivi<br>Lulju 2008 |
|---|---|---|
| (*) | L-Afganistan | 0 |
| | L-Afrika ta' Isfel | 46,9 |
| | L-Albanija | 78,5 |
| | L-Alġerija | 87,5 |
| | L-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | 71,1 |
| | L-Angola | 112,8 |
| | L-Arabja Sawdita | 79,1 |
| | L-Arġentina | 54,7 |
| | L-Armenja | 71,1 |
| | L-Awstralja | 108,5 |
| | L-Ażerbajġan | 72,9 |
| | Il-Bangladexx | 45,4 |
| | Barbados | 105,5 |
| | Il-Belarus | 62,7 |
| | Benin | 92,9 |
| | Il-Bolivja | 49,5 |
| | Il-Bożnja u Ħerzegovina (Sarajevo) | 78,6 |
| | Il-Bożnja u Ħerzegovina (Banja Luka) | 62,7 |
| | Il-Botswana | 46 |
| | Il-Brażil | 95,5 |
| | Il-Burkina Faso | 96,5 |
| (*) | Il-Burundi | 0 |
| | Il-Kambodja | 62,7 |
| | Il-Kamerun | 109,7 |
| | Il-Kanada | 78,9 |
| | Cape Verde | 74,4 |
| | Iċ-Ċilì | 57,7 |
| | Iċ-Ċina | 74,6 |
| | Ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża | 103,1 |

| | PAJJIŻ ASSENJAT | Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2008 |
|---|---|---|
| | Il-Kolombja | 79,2 |
| | Il-Kongo (Brazzaville) | 129,1 |
| | Il-Korea ta' Isfel | 90,7 |
| | Il-Kosta Rika | 68,7 |
| | Il-Kosta tal-Avorju | 99,9 |
| | Il-Kroazja | 106,3 |
| | Kuba | 73,5 |
| | Id-Djibouti | 85,4 |
| | L-Eġittu | 33,8 |
| | El Salvador | 63,6 |
| | Ekwador | 57,9 |
| | L-Eritrea | 41,9 |
| | L-Istati Uniti (New York) | 91,5 |
| | L-Istati Uniti (Washington) | 85 |
| | L-Etjopja | 77,8 |
| | Il-Gabon | 110,4 |
| | Il-Gambja | 70,3 |
| | Il-Ġeorġja | 99,7 |
| | Il-Ghana | 54,3 |
| | Il-Gwatemala | 70,7 |
| | Il-Ginea (Conakry) | 55,7 |
| | Il-Ginea-Bissaw | 114,6 |
| | Gujana | 53,5 |
| | Haiti | 104,2 |
| | Il-Ħonduras | 60,3 |
| | Ħong Kong | 83,4 |
| | Il-Gżejjer Fiġi | 72,2 |
| | Il-Gżejjer Salomon | 85,6 |
| | L-Indja | 50,9 |
| | L-Indoneżja (Banda Aceh) | 49,5 |

| | PAJJIŻ ASSENJAT | Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2008 |
|---|---|---|
| | L-Indoneżja (Jakarta) | 69,1 |
| (*) | L-Iraq | 0 |
| | L-Iżrael | 118,9 |
| | Il-Ġamajka | 86,1 |
| | Il-Ġappun (Tokyo) | 105 |
| | Il-Ġordan | 70 |
| | Il-Każakstan (Almaty) | 75,6 |
| | Il-Każakstan (Astana) | 71 |
| | Il-Kenja | 73,8 |
| | Il-Kirgistan | 86,7 |
| | Kosovo (Pristina) | 57,5 |
| | Il-Laos | 77,6 |
| | Lésotho | 47,3 |
| | Il-Libanu | 80 |
| (*) | Il-Liberja | 0 |
| | Il-Madagaskar | 84,2 |
| | Il-Malasja | 65,8 |
| | Il-Malawi | 63,6 |
| | Il-Mali | 83,5 |
| | Il-Marokk | 86,9 |
| | Il-Mauritius | 72,6 |
| | Il-Mawritanja | 61,2 |
| | Il-Messiku | 69,7 |
| | Ir-Repubblika tal-Moldavja | 67,1 |
| | Il-Montenegro | 68,9 |
| | Il-Możambik | 71,9 |
| | In-Namibja | 57,5 |
| | In-Nepal | 66 |
| | In-Nikaragwa | 46,2 |
| | In-Niġer | 85,7 |
| | In-Niġerja | 93 |

| | PAJJIŻ ASSENJAT | Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2008 |
|---|---|---|
| | In-Norveġja | 131,2 |
| | Il-Kaledonja Ġdida | 140,4 |
| | New Zealand | 89,8 |
| | L-Uganda | 69,9 |
| | L-Użbekistan | 45,4 |
| | Il-Pakistan | 43,9 |
| | Il-Panama | 52,2 |
| | Il-Papwa-Ginea l-Ġdida | 73,5 |
| | Il-Paragwaj | 83,6 |
| | Il-Perù | 67,4 |
| | Il-Filippini | 61 |
| | Ir-Repubblika Afrikana Ċentrali | 113,1 |
| | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (Kinshasa) | 112,3 |
| | Ir-Repubblika Dominikana | 58,2 |
| | Ir-Russja | 121,8 |
| | Ir-Rwanda | 82,7 |
| | Is-Samoa | 65,5 |
| | Is-Senegal | 88,1 |
| | Serbie (Belgrade) | 73,9 |
| | Sierra Leone | 68,9 |
| | Singapor | 95,8 |
| | Is-Sudan | 50 |
| | Sri Lanka | 58,1 |
| | Sud-Soudan (Juba) | 87,6 |
| | L-Iżvizzera (Ġinevra) | 112,2 |
| | L-Iżvizzera (Ġinevra) | 108 |
| | Is-Surinam | 39,7 |
| | Is-Sważiland | 46,4 |
| | Is-Sirja | 66,8 |
| | It-Taġikistan | 61,2 |
| | It-Tajwan | 77,3 |

| | PAJJIŻ ASSENJAT | Koeffiċjenti korrettivi Lulju 2008 |
|---|---|---|
| | It-Tanzanija | 61,4 |
| | Iċ-Chad | 129,3 |
| | It-Tajlandja | 52,4 |
| | It-Timor tal-Lvant | 56,6 |
| | It-Togo | 87 |
| | It-Tonga | 85 |
| | Trinidad u Tobago | 61,6 |
| | It-Tuniżija | 68,7 |
| | It-Turkija | 80,7 |
| | L-Ukraina | 109,4 |
| | L-Urugwaj | 73,2 |
| | Il-Vanwatu | 105,6 |
| | Il-Veneżwela | 61 |
| | Il-Vjetnam | 40,2 |
| | Il-Jemen | 57 |
| | Iż-Żambja | 63,2 |
| (*) | Iż-Żimbabwe | 0 |

(*) Mhux disponibbli